MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 2204/2003

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Gerada bil-polza u bil-ligi, u l-istess Joseph Gerada u b'digriet tat-Tribunal tad-9 ta` Novembru, 2004 l-ismijiet ta` l-atturi gew sostitwiti bi "Thomas Smith Insurance Agency Limited, (numru tar-registrazzjoni tal-kumpanija C5637) bhala agenta f'Malta tas-socjeta` assikuratrici estera 'Societa` Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.A – SIAT' kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Gerada bil-polza u bil-ligi; u l-istess Joseph Gerada (karta ta` l-identita` numru 251157M)"**

**Vs**

**Manufacturing Industrial Services Limited u b'digriet tad-9 ta` Novembru, 2004 l-isem tas-socjeta` konvenuta gie sostitwit bi "Manufacturing & Industrial Services Limited"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas mhux aktar minn elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) peress illi fit-13 ta` Gunju, 2002 is-socjeta` konvenuta ppremettiet li ntefa` jew tefghet zejt jew materjal iehor jizloq go Triq Hal Far, Birzebbugia bil-konsegwenza illi l-istess triq giet tizloq ferm, minghajr ma hadet ebda prekawzjoni sabiex jigu evitati incidenti b'konsegwenza ta` dan iz-zlieq.

Peress illi per konsegwenza f'dik il-gurnata sehh incident stradali meta Martin Zahra kien qieghed isuq Daihatsu Midget II bin-numru ta` registrazzjoni IBE 052 assigurat ma` Thomas Smith Insurance Limited, skidja fuq il-materjal jizloq, bil-konsegwenza li huwa tilef il-kontroll tal-vettura u habat ma` Leyland Road Runner bin-numru ta` registrazzjoni ASF 009 u peress illi d-danni sofferti mis-socjeta` attrici per konsegwenza ta` dan l-incident jammontaw ghal anqas minn elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) u ghalhekk ipprezentaw il-kawza odjerna.

Illi s-socjeta` konvenuta eccepiet:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija rrita u nulla stante li biex ikun hemm surroga jrid ikun sar pagament u fil-kaz in ezami jidher li l-pagament baqa` ma sarx tant illi s-socjeta` attrici mhux qed tirriklama refuzjoni ta` l-indennizz allegatament zborsat favur l-assigurat taghha izda likwidazzjoni ta` danni.

2. Bla pregudizzju ghall-premess ukoll in linea preliminari, s-socjeta` attrici mhux il-legittimu kontradittur ta` l-eccipjenti stante li mhux l-assiguratur tal-vettura IBE 052, l-assiguratur hija s-socjeta` estera Societa` Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.A. – SIAT u s-socjeta` attrici hija biss l-agent taghha f'dawn il-gzejjer. Ghalhekk l-eccipjenti ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Bla pregudizzju ghall-premess u in linea preliminari l-isem korrett tas-socjeta` konvenuta huwa ‘Manufacturing & Industrial Services Limited’.

4. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, s-socjeta` konvenuta ma kienetx responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

5. Illi ghalhekk m’hemmx danni x’jigu likwidati favur l-atturi, fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni skond il-ligi.

6. Inoltre, m’hemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghall-hlas tad-danni favur l-atturi.

Sema` x-xhieda ta` Martin Zahra.

Ra d-digriet tad-9 ta` Novembru, 2004.

Ra l-verbal tad-29 ta` Novembru, 2004 li bih is-socjeta` konvenuta, in segwitu ghall-imsemmija korrezzjonijiet, ghamlet referenza ghar-Risposta gja’ prezentata u maghha ziedet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta` l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Sema` lill-Ispettur Walter Spiteri, Vincent Farrugia, David Spiteri, Godfrey Grech, Joseph Muscat, Ex PS 134 Joseph Attard, Kevin Borg, Joseph Asciak u Mario Meli.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Massimo Vella ghall-atturi u ta` Dr Joseph Zammit McKeon ghas-socjeta’ konvenuta.

**Ikkunsidra**

Mill-provi jirrizulta illi fit-13 ta` Gunju, 2002 Martin Zahra kien qed isuq il-vettura Daihatsu Midget II bin-numru ta` registrazzjoni IBE 052 ta` l-assigurat tal-ko-attur ta` Joseph Gerada ta` Thomas Smith & Company Limited.

Huwa kien qed isuq fi Triq Hal Far, Birzebbugia u f'daqqa wahda din il-karozza skidjat fuq materjal li jizloq li kien hemm fit-triq u habat ma` Leyland Road Runner bin-numru ta` registrazzjoni ASF 009 li kienet gejja mid-direzzjoni opposta tieghu. Huwa baqa` jiskidja ghal distanza sostanzjali u dan anki kif jidher mill-isketch esebit a fol 47 tal-process.

Jirrizulta illi fejn kien hemm il-materjal li jizloq hemm il-fabbrika tas-socjeta` konvenuta li fost affarijiet ohra din tnaddaf vetturi miz-zjut. Meta huma jaghmlu hekk ghandhom sensiela ta` *sumps* biex meta jiskula l-likwidu li johrog meta jkun qed isir dan il-process, awtomatikament iz-zjut jitilghu fil-wicc u wara li dan il-likwidu jghaddi minn *sump* ghall-iehor, eventwalment l-ilma u z-zjut jigu awtomatikament separati u dan jingabar ghalih u l-ilma jmur ghalih.

Dakinhar ta` l-incident gara illi wara li kien qed isir dan il-process fuq crane, waqa` tank taz-zejt (hydraulic oil) u b'hekk kien hemm hafna aktar zejt milli kien ikun hemm fin-normal biex b'hekk is-sistema ta` *sumps* ma felahx ghall-volum ta` likwidu li kien hemm u gie kompromess, bir-rizultat illi z-zejt zejjed hareg minn toqba li kien hemm fil-hajt li jaqsam il-fabbrika ghal mat-triq u baqa` hiereg fit-triq. Waqt li kien hemm dan iz-zejt fit-triq kien ghaddej l-imsemmi Martin Zahra u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

Ghalkemm it-Tribunal m'ghandux dubju illi meta waqa` t-tank taz-zejt fil-fabbrika dan sar b'accident, fl-istess hin it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju ta` xejn illi kien fir-responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta li tilqa` ghal dan iz-zejt u anki ghall-incidenti li jistghu jinqalghu fuq il-lant tax-xoghol. Il-fatt illi eventwalment hareg iz-zejt fit-triq, holoq periklu serju u s-socjeta` konvenuta, anki bi ftit sens komun, setghet tinduna illi seta` jinqala` incident simili minn zmien ghal zmien u kellha tanticipa ghalih u tiehu l-passi kollha xierqa w opportuni sabiex taccerta, fl-ewwel lok illi ma johrogx zejt fit-triq u fit-tieni lok, jekk kellha suspett li possibbilment seta` johrog dan iz-zejt, li taghmel dak kollu li hemm bzonn sabiex timminimizza l-periklu potenzjali.

Jidher car illi s-socjeta` konvenuta mhux talli ma hadet l-ebda passi biex timminimizza l-periklu li sehh fit-triq talli lanqas biss indunat li kien hareg iz-zejt fit-triq u saret taf biss li kien sehh l-incident, ‘l ghada ta` l-incident meta gew javzawhom il-pulizija.

It-Tribunal m’ghandu l-ebda ezitazzjoni biex jikkonkludi illi l-incident sehh unikament b’tort u responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` konvenuta qajmet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta` l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jirrigwarda l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjonijiet li ma jkunux naxxenti minn reat u f’dan il-kaz jinsabu preskritti bil-perjodu ta` sentejn.

Fil-kaz odjern jirrizulta illi l-pulizija hadu passi kriminali kontra Joseph Asciak li huwa l-Production Manager tal-kumpanija konvenuta u kontra Mario Meli, li kien il-Workshop Foreman. Fis-seduta tas-17 t`Ottubru, 2006 gie verbalizzat illi l-proceduri kriminali msemmija gew decizi ftit granet qabel bil-liberazzjoni ta` l-imsemmija Joseph Asciak u Mario Meli billi l-Qorti tal-Magistrati kkonkludiet illi l-akkadut sehh b’rizultat ta` accident.

Il-proceduri kriminali u civili huma proceduri separati u ndipendenti minn xulxin u ghalhekk is-sentenza hemm imsemmija ma tghoddx bhala gudikat ghal dawn il-proceduri. Vide **Appell - Carmelo sive Charles Micallef St John et Vs Richard Spiteri et – Citazz. 205/93 dec 15/01/2002:**

“Bhalma hu ben saput il-fatt li l-Qorti tal-Magistrati tasal ghall-konkluzjonijiet taghha fuq il-provi li jingiebu quddiemha, bl-ebda mod ma jorbot lil din il-Qorti fil-mansjoni civili li tasal ghall-istess konkluzjoni.”

It-Tribunal huwa tal-fehma illi mir-rizultanzi li sehhew waqt dawn il-proceduri jidher car illi kien hemm negligenza

pjuttost qawwija da parti tas-socjeta` konvenuta u dan mhux ghax waqa` tank ta’ 25 litru zejt waqt li qed isir ix-xoghol ghal gewwa l-kanal ta` l-ilma izda ghaliex il-kumpanija, meta sehh dan l-incident, ma haditx il-passi xierqa w opportuni sabiex taccerta li dan iz-zejt li waqa` jingabar u jigi accertat illi ma johloq l-ebda periklu ghall-pubbliku. Huma kienu jafu li fil-*boundary wall* ta` l-impjant taghhom kellhom toqba li minnha eventwalment jizbokka l-ilma li jirrizulta meta jkun qed isir dan il-process ta` tindif – iservi bhala speci ta` overflow. Huma setghu facilment janticipaw illi dan iz-zejt ukoll kien ser johrog minn din it-toqba u johrog ghal barra mit-triq.

Il-fatt li lanqas biss indunaw li hareg iz-zejt fit-triq huwa prova bizzejjed ta` nuqqas ta` osservanza w attenzjoni xierqa da parti tas-socjeta` konvenuta.

It-Tribunal huwa tal-fehma li din hija negligenza li tat lok ghall-akkadut u ghalhekk dan in-nuqqas jekwivali ghar-reat li seta` jrendi lill-persuni koncernati passibbli kemm taht il-Kodici Kriminali, fil-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u kif ukoll taht l-Environment Protection Act.

Illi fid-dawl tal-premess ghalhekk huwa evidenti illi l-preskrizzjoni sollevata taht l-Artikolu 2153 Artikolu tal-Kodici Civili m’huwiex applikabbli ghall-kaz odjern.

B’danakolllu waqt it-trattazzjoni ta` l-avukati difensuri tal-partijiet, l-abbli difensur tas-socjeta` konvenuta argumenta illi stante li bid-digriet tad-9 ta` Novembru, 2004 <u>inbidel l-isem tas-socjeta` attrici</u> allura, kwalsijasi terminu interuttiv jew sospensiv ghall-finijiet ta` preskrizzjoni kien isehh b’effett mid-data wara li l-Avviz gie ri-notifikat in segwitu ghall-imsemmi digriet.

Inoltre huwa semma` wkoll li ghalkemm kien konxju li bl-imsemmi digriet saret ukoll korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` konvenuta fis-sens illi bejn il-kelma ‘Manufacturing’ u bejn il-kelma ‘Industrial’ dahlet ‘&’, qal li ma kienx qed jaghmel tant enfasi fuq dan l-aspett ghall-finijiet ta` preskrizzjoni.

Fil-kawza **Bonello Vs Bonello – Prim' Awla 22/04/1983** intqal hekk:

"Il-prezentazzjoni biss ta` kawza kontra debitur, hu bizzejjed ghall-interuzzjoni tal-preskrizzjoni, indipendentement bizzejjed min-notifika taghha."

Fis-sentenza **Bartolomeo Zarb Vs Jesmond Camilleri et – Appell 492/94 dec 07/10/2005** fejn fil-Prim' Istanza kien intqal:

"Kulma gara…kien li l-isem tal-persuna, li qabel kien muri hazin, saritlu korrezzjoni."

Dan ir-ragunament tal-Qorti fil-Prim' Istanza ma giex accettat ghal kollox fil-Qorti ta` l-Appell ghaliex f'dik il-kawza l-attur bi zball ammess minnu stess kien harrek persuna ohra izda l-istess Qorti ta` l-Appell qalet:
"Issa li kieku kellu jirrizulta li entro l-perjodu ta` sentejn, (il-perjodu preskrittiv f'dik il-kawza), l-att tac-citazzjoni b'xi mod gie f'idejn il-konvenut Jesmond Camilleri, allura din il-Qorti kienet tkun propensa li tabbraccja r-ragunament ta` l-Ewwel Qorti ghaliex, wara kollox, l-attur proprjament kellu l-ghan li jharrek lilu."

Fil-kawza **Zarb Vs Camilleri 30/05/1997 Prim' Awla** u **Dr Reno Borg Vs Joseph Borg et – Prim' Awla 03/10/2002** gie ritenut illi:

"Jekk, bil-korrezzjoni li tkun awtorizzata, l-kawza tibqa` l-istess, in-notifika mill-gdid ma taghmilx differenza ghall-preskrizzjoni li tibqa` nterrotta bi ftuh tal-kawza."

Illi maghmula l-imsemmija osservazzjonijiet, it-Tribunal huwa ghalhekk tal-fehma illi bil-<u>korrezzjoni ta` l-isem tas-</u>

socjeta` konvenuta l-kawza baqghet l-istess u ghalhekk din il-korrezzjoni m'ghamlitx differenza u l-preskrizzjoni baqghet interotta bil-ftuh tal-kawza.

L-istess ragunament pero` ma jghoddx ghall-bdil li sar fil-vesti guridika ta` l-attur. It-Tribunal huwa tal-fehma illi kien hemm sostituzzjoni tal-kapacita` guridika tas-socjeta` attrici. Meta giet prezentata l-kawza din giet prezentata fil-vesti taghha *qua surrogata* fid-drittijiet ta` l-assigurat taghha Joseph Gerada meta fil-fatt, wara l-imsemmi digriet is-socjeta` attrici libset il-vesti ta` mandatarja tas-socjeta` estera (li kienet hi li giet surrogata) u dan ifisser illi b'rizultat ta` l-imsemmi digriet, l-attur sar parti iehor jigifieri ma baqax Thomas Smith Insurance Agency Limited proprju izda l-persuna proprja li saret l-attrici hija s-socjeta` estera Societa` Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.A.

Illi ghalhekk ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-effett sospensiv b'rizultat ta` dawn il-proceduri ghandu jitqies bhala dakinhar ta` l-imsemmi digriet jigifieri tad-9 ta` Novembru, 2004 ghax kien dakinhar li din is-socjeta` estera saret parti u ghal kull buon fini giet meqjusa bhala li hadet passi civili kontra s-socjeta` konvenuta.

Ghar-rigward tal-quantum tad-danni, ghalkemm fl-Avviz is-socjeta` attrici talbet li tithallas is-somma li ma teccedix l-elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), fir-realta` fil-mori tal-kawza jirrizulta illi d-danni ossija l-ammont li hallset is-socjeta` attrici lill-assigurat huwa l-ammont ta` tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm875) kif jirrizulta kemm mix-xhieda u kif ukoll mid-dokument a fol 50 tal-process liema hlas sar fl-14 t`Awissu, 2002 cjoe` ferm qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess anki l-eccezzjoni mressqa mis-socjeta` konvenuta dwar is-surroga ma tistax tigi milqugha stante li m'hijiex sorretta mill-provi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni stante li l-Artikolu citat ma jghoddx ghall-

kaz odjern u jichad l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta` konvenuta, jsib lis-socjeta` konvenuta responsabbili ghall-kollizjoni mertu tal-kawza u konsegwentement jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm875) bl-interessi li jibdew jiddekorru mid-data ta` din is-sentenza.

Minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz u l-fatt li l-ammont likwidat minn dan it-Tribunal huwa anqas mill-ammont imsemmi fl-Avviz, l-ispejjez tal-kawza huma bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------